**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, sittax (16) ta' Lulju 2024

Kawża Nru 430/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Xerri)**

Vs

**Alex Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Alex Calleja**, iben Francis u Maria Concetta nee Xuereb, imwieled fl-erbgħa (4) ta' Frar 2000 u residenti "Don Bosco", Flat 1, Triq ta' Barda, Żebbuġ, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 604600(L) talli nhar il-ħdax (11) ta' Jannar 2024 għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00hrs) ġewwa l-kumpless tal-Mcast li jinsab fi Triq JF De Chambray, Għajnsielem, Għawdex:

(1) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;[1]

(2) volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku;[2]

(3) insulenta, hedded, jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Evelyn Vella;[3]

(4) wkoll talli nhar il-ħdax (11) ta' Jannar 2024 u fix-xhur u s-snin ta' qabel ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Evelyn Vella jew messu kien jaf li l-aġir tiegħu jammonta għall-fastidju fil-konfront ta' Evelyn Vella.[4]

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: fil-ħdax (11) ta' Jannar 2024 il-kwerelanta Evelyn Vella irrapportat fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat,

---

[1] Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] Artikolu 251A(1)(a)(b)(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Akkuża miżjuda fis-seduta tat-tletin (30) ta' Mejju 2024.

Għawdex li għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00hrs) waqt li kienet ġewwa l-MCast li jinsab f'Għajnsielem l-akkużat kien qal xi kliem ħażin fil-konfront tagħha. Hija infurmat wkoll lill-Pulizija li huwa kien ilu żmien jaqbad magħha fejn hija saħansitra għamlet rapporti mal-*guidance teacher*. Il-Pulizija għamlet kuntatt mal-akkużat sabiex imur l-Għassa tal-Pulizija. Huwa ingħata d-drittijiet legali tiegħu u għażel li jipprevalixxi ruħu mid-dritt li jibqa' sieket.

Ikkunsidrat;

- **<u>L-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Akkuża – Artikoli 338(dd), 338(bb) u 339(1)(e) tal-Kap. 9</u>**

Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Mejju 2024, id-difiża eċċepiet l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 688(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan għaliex l-akkużat kien ġie notifikat wara li għadda t-terminu ta' tlett (3) xhur mid-data tal-allegat incident. F'dan ir-rigward id-difiża għandha raġun. Mill-ewwel riferta esebita a fol. 9 jirriużlta li l-akkużat ġie notifikat fit-tlieta (3) ta' Mejju 2024 u għalhekk wara li kienu ġia għaddew it-tlett (3) xhur. Għalhekk l-ewwel tlett akkużi huma preskritti.

- **<u>Ir-Raba' Akkuża – Artikolu 251A(1)(a)(b)(2) tal-Kap. 9</u>**

Qabel xejn jibda biex jiġi senjalat li din ir-raba' akkuża żdiedet mill-Prosekuzzjoni tul l-ewwel seduta ta' din il-kawża fit-tletin (30) ta' Mejju

2024. Dan wara li d-difiża kienet eċċepiet il-preskrizzjoni. Huwa ċar li hekk kif il-Prosekuzzjoni irrealizzat li l-akkużi ta' natura kontravenzjonali kienu preskritti, il-Prosekuzzjoni rat kif tipprova tagħmel biex issalva l-kawża odjerna. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni għall-fatt li fir-rapport oriġinali il-kwerelanta kienet stqarret mal-Pulizija li l-akkużat: *"ilu għal xi żmien jaqbad magħha fejn saħansitra għamlet rapport simili mal-guidance teacher".* Jekk allura l-Pulizija dehrilha li seta' kien hemm ir-reat ipotizzat fl-artikolu 251A tal-Kap.9, il-Pulizija setgħet tat din l-akkuża mill-ewwel u mhux fl-istadju x'ħin irrealizzat li l-akkużi kienu preskritti.

Għar-rigward din l-akkuża in materja legali jingħad li l-għan wara l-introduzzjoni tal-artikolu 251A tal-Kap.9 kien li tiġi kriminalizzata dik l-imġieba li tista' toħloq fastidju lill-persuna oħra. Għalkemm, il-leġislatur naqas li jiddefinixxi x'jikkostitwixxi fastidju, jidher li dan ir-reat ġie meħud mill-'Protection of Harassment Act 1997' tar-Renju Unit.[5] L-Archbold huwa u jikkummenta fuq dan l-Att tal-1997 jgħid:

> *"The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that*

[5] Ara sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Grazzio Falzon***, deċiża fid-29 ta' Ottubru 2019.

*references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable."*

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spet. Elton Taliana) Vs Denise Falzon***,[6] il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkummenta hekk b'riferenza għal dan ir-reat:

[6] Deċiża fid-29 ta' Novembru 2018.

*"Minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi għandu joħroġ illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi joħloq fastidju lill-vittma tiegħu bl-imġieba tiegħu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imġieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa. Illi allura hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imġieba li qed toħloq fastidju u dik li toħloq sempliċement inkonvenjent. … Fl-artikolu 251C hu provdut li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jagħti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna. (Il-Pulizija vs Massimo Tivisini) Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn '...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") ġie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :- "Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose"*

Minn eżami tax-xhieda tal-parte civile, il-Qorti tislet is-segwenti fatti:

(a) meta l-akkużat u l-kwerelanta bdew jiffrekwentaw lil xulxin, l-akkużat beda jitkellem mal-kwerelanta fuq nies oħra. Hija ma ħassithiex komda b'dan id-diskors u għalhekk bdiet tinjorah. Jidher wkoll li hija ħasset li ma setgħetx tafdah u bdiet tafda ma' nies oħra. Minħabba dan il-bdil fl-atteġġjament tagħha, l-akkużat beda jaħseb li hija kienet bdiet tgħid fuqu. Dan wassal għal-litiġju li kellhom l-akkużat u l-parte civile fil-ħdax (11) ta' Jannar 2024, liema litiġju wassal lill-kwerelanta tagħmel rapport lill-Pulizija;

(b) fix-xhieda tagħha l-kwerelant tagħmel riferenza għall-każ li hija tgħid li seħħ meta hija u l-akkużat flimkien ma' xi nies oħra kienu fil-bandli tar-Rabat, Għawdex. Tispjega li qabel ma ħalla lil grupp, l-akkużat qabad u daħħal idejh fil-warrani tagħha. Għalkemm hija tgħid li ħadet qatgħa b'dan l-agir, hija ma tatx każ;

(c) il-kwerelanta tirreferi wkoll għall-fatt li skont hi l-akkużat kien joqgħod juriha r-ritratti tiegħu għarwien iżda hija ma kinitx tkun komda tara dawn ir-ritratti;

(d) isostni wkoll li l-akkużat kien qed jibgħat messaġġi lil terzi li huwa ried joqtolha. Pero dawn il-messaġġi ma intbagħtux direttament lill-kwerelanta. Hija saret taf bihom għax bagħtithomla ħabiba tagħha.

Wara li l-Qorti eżaminat fid-dettal ix-xhieda mogħtija mill-kwerelanta kif wkoll il-kontro-eżami tagħha, hija ma tqisx li dak indikat mill-parte civile

jammonta għall-aġir li ikkawża "allarm" jew "emotional distress" li huwa punibbli taħt l-artikolu 251A. Il-fatt li l-kwerelanta ma kinitx qed tħossha komda b'dak li qed jgħidilha l-akkużat fuq nies oħra jew bir-ritratti tiegħu li hu kien qed juriha b'daqshekk ma jfissirx li dan kien qed jikkawżala fastidju. Ma jirriżultax li kien hemm xi tentattiv da parti tal-istess kwerelanta biex hija tevita lill-akkużat u li l-akkużat kien persistentement qiegħed jiġri warajha minkejja li hija kienet qed tiddejjaq bl-aġir u bil-presenza tiegħu. Anzi kif tistqarr hi waqt ix-xhieda tagħha mill-bidu tas-sena skolastika sa tal-anqas il-ħdax (11) ta' Jannar 2024 meta hija għamlet ir-rapport, il-kwerelanta baqgħet tiffrekwenta l-istess grupp li kien jiffrekwenta wkoll l-akkużat. Dan isib konferma mill-istess recording esebit dwar l-inċident tal-ħdax (11) ta' Jannar 2024, liema inċident seħħ fil-każin ta' Għajnsielem. Dakinhar il-kwerelanta u l-akkużat ma kinux weħidhom iżda jidher li kien hemm tal-anqas persuna oħra magħhom li tinstema' tgħidilhom biex ma joqogħdux jiġġieldu ma' xulxin fil-presenza tagħha. Li kieku verament l-akkużat kien qed jiġġenera sens ta' biża fil-kwerelanta, din il-Qorti tqis li l-kwerelanta kienet tara kif tevita lill-akkużat u mhux tibqa' tiffrekwenta l-istess grupp ta' nies fejn kien ikun hemm hu wkoll u tkompli tidħol f'battibekki miegħu kif tidher li qiegħda tagħmel fl-istess recording.

Għalkemm il-kwerelanta tirreferi għall-inċident fejn allegatament l-akkużat daħħal idejh fil-warrani tagħha, l-istess kwerelanta tonqos li issemmi dan il-fatt lill-Pulizija meta hija għamlet ir-rapport. Jekk hija iddejqet b'dan l-aġir jew inkella l-istess ħoloq fiha allarm, wieħed kien

jippretendi li l-kwerelanta mill-ewwel tirrileva dan il-fatt lill-Pulizija mal-ewwel opportunita li kellha, aktar u aktar meta lill-Pulizija kienet qaltilhom li kien hemm inċidenti oħra li kienu jinvolvu l-istess akkużat. Ma kienx dettal li wieħed seta' jinsa faċilment, aktar u aktar jekk tali aġir tabilħaqq kien dejjaqha. Pero dan il-fatt il-kwerelanta ma semmitux mal-Pulizija meta sar ir-rapport; għażlet biss li isemmieh meta hija tat ix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri. Dan aktar jkompli jitfa' dubji fuq jekk il-kwerelanta tabilħaqq kinitx qed tħossha ruħha iffastidjata mill-akkużat.

Il-Qorti tinnota wkoll li għalkemm il-kwerelanta tgħid li kienet tkellmet mal-*guidance teacher* tagħha għax l-akkużat kien qed jaqbad magħha, lill-Pulizija ma qaltilhomx dak li hija kienet irrapurtat dwaru lill-*guidance teacher*. Lanqas ma spjegat dak li hija irrappurtat lill-*guidance teacher* waqt li hija kienet qed tixhed f'dawn il-proċeduri. Di piu, il-*guidance teacher* li magħha sar ir-rapport la ġiet identifikata u wisq u wisq anqas ma ittellgħet biex tixhed f'dawn il-proċeduri.

Għalkemm wkoll il-kwerelanta tesebixxi *chats* b'theddid li tgħid li jirreferi għaliha u liema diskors allegatament inkiteb mill-akkużat, jiġi senjalat li dawn iċ-*chats* ma intbagħtux lilha direttament mill-akkużat. Kienu *chats* li ġew mgħoddija lilha minn waħda ħabiba tagħha. Din il-ħabiba baqgħet ma ġietx inġunta biex tixhed u biex tikkonferma kif hija ġiet fil-pussess ta' dawn ic-chats; di piu l-Prosekuzzjoni lanqas ma ġabet il-prova li l-messaġġi effettivament oriġinaw minn xi account tal-

akkużat. Din hija prova fundamentali li l-Prosekuzzjoni riedet tagħmel iżda m'għamlithiex biex tabbina ic-*chats* mal-akkużat. Dan biex ma jingħadx wkoll kif wieħed jista' jiddesumi li l-akkużat kellu l-intenzjoni li jagħti fastidju lill-kwerelanta meta dawn ic-chats ma kinux qed isiru mal-kwerelanta iżda ma terz. Possibilment setgħu jirriżultaw reati oħra minn dan l-aġir tal-imputat iżda mhux ir-reat ipotizzat fl-aritkolu 251A tal-Kap. 9.

Mill-provi esebiti huwa fatt li fil-ħdax (11) ta' Jannar 2024, l-akkużat hedded u inġurja lill-parte civile meta qalilha li huwa kien sejjer joqtolha. Imma dan l-aġir li irriżulta li ġara f'okkażżjoni waħda, ma jistax waħdu jwassal għall-sejbien ta' ħtija għax hemm nieqes l-element ripetittiv neċessarju. Żgur li kien jammonta għar-reat kontemplat taħt l-artikolu 339(1)(e); iżda in vista li l-azzjoni kriminali hija preskritta din il-Qorti ma tistax tasal sabiex tippronunzja ħtija fir-rigward tal-akkużat għal din il-kontravvenzjoni. Dan biex ma jingħadx wkoll li l-każ ma seħħx fil-bini tal-Mcast hekk kif indikat fl-akkuża iżda f'wieħed mill-każini ta' Għajnsielem, liema każin baqa' lanqas ma ġie identifikat bil-preċiżjoni fix-xhieda tal-kwerelanta.

Apparti l-fatt li kien inċident ta' darba, din il-Qorti wara li semgħet il-konversazzjoni li ġiet rikordjata u esebita fuq is-CD m'hi konvinta xejn li d-diskors li intqal (għalkemm minnu innffsu kien diskors ta' theddid u diskors oxxen) ikkawża allarm fil-kwerelanta jew inkella ikkawżalha "emotional distress". Il-kwerelanta tinstema' tirredikola lill-istess

akkużat u tidħol f'battibekki miegħu, tant li persuna oħra tinstema' tgħidilhom biex jieqfu.  Anke wara li intqal id-diskors li l-akkużat kien se joqtol lill-kwerelanta, il-konversazzjoni u l-litiġju bejn it-tnejn kompla. Jidher wkoll li l-kwerelanta tinstema' issaqsi lill-akkużat b'mod ċiniku kif kien se joqtolha.  Li kieku kien ġenerat is-sens ta' allarm li jirrkjedi dan l-artikolu, l-kwerelanta kienet taqbad u titlaq minn fuq il-post u mhux tkompli għaddejja bl-argumenti mal-akkużat.

Di piu, jiġi senjalat li l-atti ta' "fastidju" li tilmenta dwarhom il-kwerelanta seħħew f'diversi partijiet f'Għawdex u ma kinux ċirkonskritti għall-binja tal-Mcast fi Triq JF De Chambray, Għajnsielem, Għawdex kif sewwasew hija formulata l-akkuża.  Kif ġia ingħad lanqas l-akkużi li huma preskritti ma ġraw fl-Iskola tal-Mcast iżda ġraw f'każin f'Għajnsielem. Għalhekk anke jekk għall-pura grazzja tal-argument biss il-mod ta' kif ġab ruħu l-akkużat kellu jiġi meqjus bħala fastidju, xorta ma setgħetx tinstab ħtija fl-akkużat minħabba il-mod ta' kif ġiet formulata l-akkuża. L-akkuża kellha tindika li l-aġir seħħ f'diversi postijiet oħra f'Għawdex u/jew fil-Gżejjer Maltin.

Tenut kont dak kollu rilevat, din il-Qorti ma temminx li tista' issib ħtija fl-akkużat għar-rigward ir-raba' (4) akkuża u għalhekk sejra tilliberah minnha.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) qed tiddikjara l-proċediment estint fir-rigward tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuża stante li l-azzjoni kriminali fir-rigward ta’ dawn l-akkużi hija preskritta;

(b) għar-rigward ir-raba’ (4) akkuża stante li din ma rriżultatx, il-Qorti qed tillibera lill-akkużat minn kull ħtija u piena.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**

**Joseph Grech**

**Deputat Registratur**